MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Numru. 229/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Richard Darmanin**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Richard Darmanin, iben Charles u Sandra xebba England Sant Fournier, imwieled Pieta` fil-15 ta' Novembru 1987 u residenti gewwa Madliena Village, Triq il-Fortizza numru 1062, Madliena u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 52088(M)

Akkuzat talli nhar il-11 ta' April 2013 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli nhar il-11 ta' April 2013 bejn il-11.00 am u 12.30 pm, gewwa San Giljan:

1. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' April 2013, mizmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, Charles Darmanin ossia missier l-imputat, irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ddikjara li ma jixtieqx jixhed. Hekk ukoll fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013, mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Fl-istess seduta Charles Darmanin, Damian Darmanin (hu l-imputat) u Sandra Darmanin England (omm l-imputat) ilkoll iddikjaraw li kienu qeghdin jahfru lill-imputat u li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghal dak kollu li kien rinunzjabbli. Iddikjaraw ilkoll li ma xtaqux jixhdu fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' din l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni (immarkati bhala 1 u 2 rispettivament fic-*charge sheet* odjerna), apparti illi l-membri familjari tal-imputat rrinunzjaw ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u haffru lill-imputat, huma ma xehdux f'din il-kawza. Ma ngabet l-ebda prova ohra da parti tal-prosekuzzjoni, ghajr l-istqarrija tal-imputat[1] li fiha nnega l-fatti mertu taz-zewg imputazzjonijiet imsemmija u l-okkorrenza[2] li la giet ikkonfermata mill-Ufficjal tal-Pulizija li hadet ir-rapport u lanqas ma giet ikkonfermata fir-rigward tal-kontenut taghha mill-membri familjari li ghamlu l-istess rapport, ghaliex kif inghad huma rrinunzjaw ghall-azzjoni kontra l-imputat u ma xehdux.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

---

[1] A fol. 6 tal-process.
[2] A fol. 9 tal-process.

Ghal fini ta’ piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta u li minnha jirrizulta illi l-imputat kien instab hati ta’ pussess semplici ta’ raza mehuda mill-pjanta Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema reat jirrisali ghas-sena 2003.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 339(1)(e), 222(1) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnhom.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument LB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------